

# L-GĦANJIET TAL-MULEJ – L-GĦANJA TAL-POPLU

*Marcello Ghirlando*

## *Il-Ktieb tas-Salmi*

Baqgħet magħrufa matul is-sekli l-għajta mill-qalb ta' Santu Wistin li, quddiem il-Ktieb tas-Salmi, stqarr: "Salterju tiegħi, ferħ tiegħi!". Hija stqarrija mill-qalb li nistgħu ngħidu tesprimi tajjeb l-apprezzament tat-tradizzjoni nisranija ta' din il-kollezzjoni ta' talbiet u poeżiji bibliċi li waħdu, il-Ġdid Testment, jikkwota għal aktar minn 300 darba.

Fil-fatt il-Ktieb tas-Salmi hu ġabra ta' 150 salm jew innijiet reliġjużi miktuba matul medda ta' żmien li tieħu mis-saltna ta' David sar-raba' seklu QK meta ħa l-forma li għandu issa. Is-salmi huma attribwiti lil diversi awturi, l-aktar lil David, u nkitbu għall-użu privat jew pubbliku fit-tempju u s-sinagoga. Fihom tinġabar l-esperjenza spiritwali u reliġjuża tal-poplu ta' Israel. Fuq l-eżempju ta' Kristu u l-Appostli, il-Knisja għamlitu l-ktieb tat-talb pubbliku u privat tagħha sal-lum. F'dawn is-salmi l-insara kienu u għadhom jaraw lil Kristu u l-Knisja tiegħu; Alla hu Kristu; Israel hu l-Knisja.

## Poeżija u Talb

Interessanti ninnutaw li kemm it-tradizzjoni Lhudija kif ukoll dik nisranija riedu jqiegħdu din il-ġabra ta' talb poetiku taħt il-patronat ta' David. Ovvjament dan ma jfissrix li kienu ta' David. Fil-fatt din il-ġabra mill-isbaħ hija frott storja kważi millennarja li mbagħad ġiet miġbura f'ħames kotba, bħall-Pentatewku. Hija ġabra ta' talb u tifħir tal-bniedem li jwieġeb proprju bit-talb għall-ħidma salvifika ta' Alla Ħellies fl-istorja tiegħu. Fil-fatt il-Ktieb tas-Salmi jinqasam f'ħames kotba: 1. Salm 1-41; 2. 112 Salm 42-72; 3. Salm 73-89; 4. Salm 90-106 u 5. Salm 107-150. Ta' importanza huma t-titli li t-tradizzjoni lhudija taw lis-salmi u li spiss jindikaw il-forma letterarja tas-salm, l-użu liturġiku tiegħu, l-istrument mużikali li għandu jintuża, min jitqies bħala l-awtur tiegħu u xi ċirkustanzi storiċi li jorbtu s-salm ma' David.

## Numerazzjoni tas-Salmi

Hawnhekk tajjeb li wieħed igħid kelma rigward in-numerazzjoni tas-salmi li spiss insibuha doppja fil-Bibbji tagħna u xi kultant tħawwadna. Dan għaliex is-Salm 9 huwa meqjus bħala tnejn (9 u 10) fil-Bibbja Lhudija, filwaqt li t-traduzzjoni Griega (LXX) u dik Latina (Vulgata) iqisuh bħala wieħed – u hekk hu meqjus minna l-Kattoliċi, aħna li t-traduzzjonijiet tagħna jimxu fuq il-linji tas-LXX u l-Vulgata. Fil-fatt hemm ukoll xi differenzi oħra. Tajjeb li nsemmuhom biex ma nitħawdux meta naqbdu f'idejna l-Ktieb tas-Salmi. Is-Salmi 1-8 huma l-istess għal verżjoni Lhudija u dik Kattolika. Salm 9 huwa maqsum f'9 u 10 fil-verżjoni Lhudija; huwa meqjus bħala wieħed f'dik Kattolika. Is-Salmi 11-113 tal-verżjoni Lhudija huma s-Salmi 10-112 f'dik Kattolika. Is-Salmi 114-115 huma s-Salm 113 fil-verżjoni Kattolika. Is-Salmi 117-146 fil-verżjoni Lhudija huma is-Salmi 116-145 f'dik Kattolika. Is-Salm 147 tal-verżjoni Lhudija huma s-Salmi 146-147 ta' dik Kattolika u s-Salmi 148-150 huma l-istess għat-tnejn.

Is-Salmi jistgħu jinqasmu skont il-forma letterarja tagħhom. Aktar ma nifhmu l-forma letterarja ta' kull salm, aktar inkunu nistgħu nifhmuh, nidħlu fl-ispirtu tiegħu, u nitolbu bih minn qalbna. L-istudjużi jaqsmu dawn il-forom letterarji skont skemi diversi.

## Innijiet ta' tifħir

Is-Salmi li huma innijiet ta' tifħir għandhom l-iskop li jgħannu l-kobor ta' Alla u l-qawwa salvifika tiegħu fil-ħolqien u fl-istorja tas-salvazzjoni. Jitwieldu fl-atteġġjament tal-bniedem li jiggosta l-eżiżtenza ta' Alla Ħallieq u Feddej, fl-atteġġjament tal-bniedem li jipprova jidħol fil-misteru immens ta' Alla, ta'Alla li juri l-preżenza tiegħu f'kull ma ħalaq u fl-interventi l-kbar tiegħu fl-istorja tal-poplu

l-magħżul. Eżempji ta' dawn l-innijiet mill-isbaħ insibuhom fis-Salmi 8, 104, 135 u 150. Sbieħ immens huma l-innijiet ta' Sijon u dawk lil Alla meqjus bħala s-Sultan il-Kbir. Sijon tiġi ċċelebrata bħala l-post tal-preżenza speċjali ta' Alla fit-Tempju tiegħu (Salmi 46, 48, 76, 84, 87 u 122). Daqshekk ieħor sbieħ huma s-Salmi li jgħannu lil Alla s-Sultan (Salmi 93, 96, 97, 98 u 99). "Il-Mulej isaltan, il-kobor libes, libes il-Mulej u tħażżem bil-qawwa. Iżomm sħiħa d-dinja; qatt ma titħarrek. Mwaqqaf it-tron tiegħek fis-sod minn dejjem; minn dejjem ta' dejjem int" (Salm 93:1-2).

## Salmi ta' Supplika

Il-karatteristika dominanti tat-talb bibliku hija dik tat-tbatija u tal-krib, tbatija u krib li jagħlqu dejjem f'talba ta' fiduċja li Alla jisma' t-talb tal-poplu, Alla li jqanqal it-tama, tama li spiss hija mseddqa fiż-żminijiet messjaniċi li għandhom jiġu. Jekk ngħaqqdu flimkien is-salmi ta' supplika nindunaw li għandhom struttura komuni: jikkontemplaw il-ferħ tal-passat, passat imżewwaq bl-interventi salvifiċi ta' Alla fl-istorja, il-preżent traġiku li wieħed jew il-poplu jkun qiegħed igħix u l-ftuħ għat-tama lejn il-futur. F'dawn is-salmi nsibu talbiet personali kif ukoll talbiet tal-poplu jew nazzjonali (Salmi 12, 44, 60, 74, 79, 80, 83, 85, 137). Interessanti ninnutaw kif f'dawn is-salmi/talbiet is-sitwazzjoni iebsa li minna jkun għaddej is-salmista hija spiss personifikata fl-'għadu'. Għadu li jista' jiġi ikkonkretizzat f'persuna, f'bhejjem, f'xi marda jew kwalunkwe tip ta' hemm li jippersegwita lil dak li jkun qed jitlob lil Alla. L-għadu jista' ikun anke interjuri: id-dnub, li jifred il-bniedem minn Alla tiegħu. Is-salmista jitolb u jokrob u jsaqsi lil Alla kemm sejra ddum is-sitwazzjoni tiegħu (Salm 35:17). Imma s-salmi ta'



supplika jagħlqu dejjem f'att ta' fiduċja f'Alla li jisma' dejjem lil kull min jitolbu: "Ħa jistħu u jinfixlu lkoll flimkien dawk li jifirħu bid-deni tiegħi. Jitgħabbew bil-għajb u bil-mistħija dawk li jitkabbru minħabba fija. Jifirħu u jithennew dawk li jgħożżu l-ġustizzja tiegħi; u jgħidu dejjem: 'Kbir il-Mulej, li jgħożż is-sliem tal-qaddej tiegħu!' Mbagħad ixandar ilsieni l-ġustizzja tiegħek, il-jum kollu t-tifħir tiegħek" (Salm 35:26-28).

## Salmi ta' fiduċja u radd il-ħajr

Daqstant sbieħ huma s-salmi ta' fiduċja u radd il-ħajr. Il-fiduċja tal-bniedem tal-Bibbja hija mibnija fuq it-twemmin u l-fidi tiegħu f'Alla, il-blata żgura tas-salvazzjoni. Il-fiduċja f'Alla hija tassew profonda u vera. Biżżejjed wieħed jitlob bis-salmi 16, 23, 27 u 131 biex jiggosta din il-fiduċja. "Għax inti, Sidi, it-tama tiegħi; Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn żgħożiti. Fuqek serraħt sa minn twelidi, sa minn ġuf ommi inti ħadtni; inti dejjem it-tifħir tiegħi" (Salm 71:5-6). Hija fiduċja mibnija fuq djalogu intimu mal-Mulej. Hija fiduċja li tagħraf tara l-ħidma ta' Alla fil-ħajja proprja u fl-istorja tal-poplu li ssir splużjoni ta' radd il-ħajr għad-doni bla qjies ta' Alla, frott it-tjieba dejjiema tiegħu (Salm 118). It-talba ta' radd il-ħajr personali ssir neċessarjament komunitarja u dik komunitarja ssir personali. Huma talbiet ta' radd il-ħajr li jsiru sagrifiċċju u offerta u li jniżżlu l-paċi, il-ferħ u t-tama f'min jiftaħ qalbu b'dawn is-salmi ta' ringrazzjament. "Hieni l-poplu li għandu dan kollu! Hieni l-poplu li Jaħweh hu Alla tiegħu!" (Salm 144:12-15).

## Salmi Liturġiċi

Hawnhekk tajjeb li niftakru li ħafna mis-salmi ġew imsawra fil-kuntest tal-kult fit-Tempju u li s-Salterju kollu saru l-bażi tal-liturġija kemm Lhudija u kemm Nisranija. Il-bniedem fil-fatt mhu qatt maqtugħ mill-poplu tiegħu u jitlob spiss bħala poplu. Fost is-salmi hemm dawk li jidhru li huma speċifikament liturġiċi. Per eżempji is-salmi 15 u 24 jitkellmu mill-kundizzjonijiet li l-bniedem jeħtieġ biex ikun jista' jitlob fil-kult. Huma kundizzjonijiet li jmissu l-ħajja konkreta ta' kull min jemmen: "Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek? Min igħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu, ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru; min ma jistmax lill-bniedem ħażin, imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej, min iwiegħed u jżomm kelmtu; min jislef u ma jitlobx imgħax, u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija. Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek" (Salm 15). Għall-bniedem tal-Bibbja, it-talb irid isir ħajja. Fost dawn is-salmi hemm anke dawk li jissejħu 'tal-pellegrinaġġ' jew 'għanjiet tat-telgħat', u li kienu jintużaw mil-Lhud li jkunu telgħin pellegrinaġġ lejn it-Tempju ta' Ġerusalemm fil-festi l-kbar. Eżempji huma s-salmi 120-134. "Fraħt meta qaluli: 'Sejrin f'dar il-Mulej!' Diġà qegħdin riġlejna fi bwiebek, Ġerusalemm!" (Salm 122:2)

## Salmi Sapjenzjali

Is-salmi sapjenzjali huma dawk li magħġun mat-talb għandhom elementi ta' għerf tal-ħajja li jgħallmu lil kull min jitlob bihom. Eżempju klassiku huwa l-ewwel salm: "Hieni l-bniedem li ma jimxix fuq il-parir tal-ħżiena, li ma jiqafx fi triq il-ħatjin, li ma joqgħodx fil-laqgħat taż-żeblieħa; imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu, lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu… Għax triq it-tajbin il-Mulej jafha; imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn" (Salm 1:1-2.6). Klassiku wkoll huwa s-salm akrostiku 119 (kull paragrafu jibda b'ittra ta' l-alfabet ebrajk), li jgħanni l-ġmiel tal-Liġi ta' Alla. F'dan il-grupp nistgħu nqisu wkoll is-salmi storiċi: talb li jgħanni l-istorja tal-

fidwa tal-poplu l-magħżul. Hija storja ċċelebrata biex tqawwi u tgħallem lil kull min jiftakar fl-għemejjel ta' Alla fl-istorja fil-mument preżenti (Salm 78, 105, 106 u s-Salm 136 li jissejjaħ 'il-Ħallel il-kbir').

## Salmi Rjali

L-aħħar imma mhux l-inqas huma s-salmi rjali, dawk li huma msejħa teknikament 'salmografija monarkika' (Salmi 2, 20, 21, 72, 89, 110). Huma kollha salmi li b'xi mod jiċċelebraw il-patt davidiku li nsibu espress fl-oraklu tal-profeta Natan lil David f'2 Sam 7:11-12: "Lilek imbagħad il-Mulej jagħtik kelma li jibnilek dar. U meta inti ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek, jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu". Fin-nisel ta' David, anke jekk is-slaten mhux dejjem kienu denji tar-rwol tagħhom, it-teoloġija Lhudija dejjem rat sinjal tal-preżenza ta' Alla fl-istorja tal-fidwa. "Mulej, bil-qawwa tiegħek jifraħ is-sultan; kemm jithenna bir-rebħa tiegħek! Ix-xewqa ta' qalbu int qtajthielu, ma ċħadtlux it-talba ta' fommu. Għax inti lqajtu bil-barka u r-riżq, kuruna ta' deheb fin qegħedtlu fuq rasu" (Salm 21:1-4). Irridu ngħidu wkoll li wħud minn dawn is-salmi kienu jintużaw fiċ-ċerimonja ta' l-intronizzazzjoni tas-sultan, sultan li kien jitqies fir-rwol tiegħu bħala iben adottiv ta' Alla. Meta ntemmet id-dinastija davidika fis-sena 586 QK, dawn is-salmi ħadu fuqhom xejra profetika, fis-sens li l-figura tas-sultan bdiet titqies bħala figura tal-Messija/Sultan li kellu jiġi mibgħut u kkonsagrat minn Alla nnifsu.

## "Salterju tiegħi, ferħ tiegħi!"

Is-Salterju huwa fil-fatt il-ferħ tal-Knisja kollha, li bih hija titlob kuljum fil-Liturġija tas-Sigħat. Huwa l-ktieb 116 tal-poeżija u tat-talb, huwa l-ktieb li jgħanni l-għemejjel tal-Mulej u l-għemejjel u l-jiem tal-bnedmin. Il-ktieb tat-talb u tal-fidi ta' Israel u tal-Knisja, il-ktieb li jesprimi il-ferħ u n-niket tal-bniedem, il-ktieb li bih Alla jirrivela lilu nnifsu progressivament bid-dawl tiegħu. Il-Ktieb tas-Salmi huwa tassew il-ktieb ta' Għanjiet il-Mulej. L-Għanja tal-poplu.

## Il-Leħen ħlejju tal-Knisja

Hekk stqarr il-Papa San Piju X fuq is-Salmi fil-Kostituzzjoni Appostolika *Divinu afflatu*,( AAS 3 [1911], 633-635) – Imnebbħa minn Alla.

"Imnebbħa minn Alla, l-awturi mqaddsa sawru s-Salmi miġbura fl-Iskrittura Mqaddsa. Il-Knisja sa mill-bidu tagħha nqdiet bihom, u b'mod tal-għaġeb seħħilha tħeġġeġ it-tjieba tal-fidili, li kienu joffru 'f'kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri il-qima ta' xofftejhom li jistqarru ismu'. U skont id-drawwa li ħadet mil-Liġi l-qadima, daħħlithom ukoll fil-Liturġija Mqaddsa u fl-Uffiċċju divin. B'hekk tnissel dak li Bażilju jsejjaħlu 'leħen il-Knisja', u wkoll is-salmodija, li hi 'bint innijiet', kif isejħilha l-predeċessur tagħna Urbanu Tmienja, li l-qaddisin 'jgħannu bla heda quddiem it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf'. Din is-salmodija, kif jgħid San Atanasju, tgħin lill-bnedmin, l-aktar lil dawk li huma mogħtija għas-servizz ta' Alla, biex jitgħallmu 'kif għandhom ifaħħru lil Alla u b'liema kliem jinqdew biex jistqarruh kif jixraq'. U Santu Wistin għandu kliem sabiħ ħafna fuq dan: 'Biex il-bniedem ifaħħar sewwa lil Alla, Alla faħħar lilu nnifsu; u ladarba għoġbu jfaħħar lilu nnifsu, il-bniedem sab kif ifaħħru'.

Is-Salmi għandhom qawwa tal-għaġeb biex iqanqlu fl-erwieħ il-ħeġġa għal kull virtù. *'Għalkemm l-Iskrittura kollha, sew it-Testment il-Qadim sew il-Ġdid, hija mnebbħa minn Alla u tiswa għat-tagħlim, kif jgħid l-Appostlu, madankollu*



*l-Ktieb tas-Salmi tistħajlu ġnien ta' hena li jiġbor fih il-frott kollu tal-kotba l-oħra; l-għana tas-Salmi qisu siġra oħra f'dan il-ġnien li, permezz tal-istess talb tas-Salmi, iżżid il-frott proprju tagħha u turih flimkien mal-frott l-ieħor'*. Dan ukoll jgħidu San Atanasju, li mbagħad iżid tajjeb ħafna: 'Jidhirli li s-Salmi, għal min jgħannihom, huma bħal mera; fihom jilmaħ lilu nnifsu u s-sentimenti tiegħu, u b'hekk jgħid is-Salmi skont ma jitqanqal għalihom'. Santu Wistin fl-Istqarrijiet tiegħu qal: 'Kemm dmugħ xerridt waqt l-għana tal-innijiet u l-kantiċi tiegħek, il-leħen ħlejju tal-Knisja tiegħek, leħen li kien iqanqalni mill-qiegħ! Dak il-leħen kien jinfidli widnejja, il-verità kienet tixxerred f'qalbi, kont



inħossni mħeġġeġ għat-tjieba, u d-dmugħ kien jaqbeż minn għajnejja. Kemm swewli ta' gid!'

Għax tassew. Min ma jħossx ruħu mqanqal b'dawk il-versetti tas-Salmi li sikwit isemmu l-kobor bla qies ta' Alla, is-setgħa tiegħu bla tarf, il-ġustizzja tiegħu tal-għaġeb, it-tjieba u l-ħniena, u l-attributi l-oħra tiegħu li s-Salmi jagħtuhom l-ogħla tifħir? Min hu dak il-bniedem li, permezz tas-Salmi, ma jħossx ruħu mqanqal biex irodd hajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħtih, jew ma jitolbux bl-umiltà u l-fiducja l-ġid li jistenna minnu, jew ma jersaqx għandu b'qalb niedma għall-maħfra ta' dnubietu? Min ma jitħeġġiġx bl-imħabba għal Kristu l-feddej, li l-kliem tas-Salmista jpinġilna bir-reqqa x-xbieha tiegħu, u li Santu Wistin, 'fis-Salmi kollha, kien jisma' leħnu jgħanni, jew imbikki, jew ferħan bit-tama, jew imxennaq għal xi ħaġa?'"